# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 12**

**Rikors numru 156/14 RGM**

**Anthony Pisani**

**v.**

**Maria Rita Pisani**

## Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mil-attur Anthony Pisani mis-sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja] [l-ewwel Qorti] fid-29 ta' Jannar 2015, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talba tieghu ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg bejn l-istess attur u martu l-konvenuta u ordnat illi, minhabba n-novita` ta' certi aspetti tal-vertenza, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Mertu**

2. Dan hu kaz li jirrigwardja talba maghmula mill-attur ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti li m'humiex separati legalment, la b'kuntratt u lanqas b'sentenza tal-Qorti. L-attur jghid illi hu ilu iktar minn erba' snin jghix separatament minn ma' martu l-konvenuta u ma jezisti ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom. Il-partijiet ghandhom erba' ulied ilkoll maggorenni u, skont l-attur, ma ghad fadal ebda assi fil-komunjoni tal-akkwisti x'jigu likwidati wara li kienu bieghu d-dar matrimonjali u r-rikavat haditu kollu l-konvenuta. Jghid ukoll illi huwa ma ghandu ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront ta' martu.

3. Il-konvenuta ma pprezentatx risposta ghar-rikors promotur u lanqas dehret personalment quddiem l-ewwel Qorti izda pprezentat nota ta' sottomissjonijiet dwar it-talba tal-attur, fejn fissret il-kontestazzjoni taghha ghall-akkoljiment tat-talba tieghu. Essenzjalment, il-konvenuta tikkontendi li, ghalkemm l-izghar fost ulied il-partijiet kien ghadu ma ghalaqx l-eta` ta' 23 sena u kien ghadu qed jistudja fuq bazi *full-time*, l-attur qatt ma vversa manteniment ghalih u ghalhekk ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili ma gewx sodisfatti.

**Is-Sentenza Appellata**

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

“Mill-provi imressqa mill-attur jirrizulta s-segwenti.

“Il-partijiet kienu izzewgu fl-14 ta’ Gunju 1980. Minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, illum kollha maggorenni. Il-partijiet ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar tnax-il sena u ghalkemm fil-passat il-partijiet kienu bdew proceduri ta’ medjazzjoni ma kienux lahqu ftehmu dwar separazzjoni bonarja. Jirrizulta wkoll illi f’xi zmien l-unika assi immobiljari li kellhom kienet villa li eventwalment bieghu. L-attur jghid li mir-rikavat tal-bejgh ma ha xejn.

“Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha l-konvenuta tissottometti illi t-talba ghax-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet m’ghandiex tintlaqa’ peress li skond il-konvenuta “l-attur qatt ma ghadda manteniment lil uliedu fiz-zmien meta huma kienu minorenni b’dan illi meta telaq il-fond matrimonjali it-tfal kellhom 23, 22, 15 u 10 u kienet l-intimata li dejjem pprovdiet ghal kull bzonn li huma qatt kellhom fit-trobbija taghhom.”

“Raguni ohra ghaliex skond il-konvenuta it-talba attrici m’ghandiex tintlaqa’ hi li iben il-partijiet, Anthony Pisani li llum ghandu wiehed u ghoxrin (21) sena, huwa student full-time.

“Wara digriet moghti minn din il-Qorti fil-5 ta’ Gunju 2014, inbdew proceduri ta’ medjazzjoni li jgibu n-numru 1087/14 liema proceduri ghadhom pendenti.

“Ikkunsidrat;

**“Il-Ligi.**

**“Artikolu 66B tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi:-

> ““**66B.** *Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet li gejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jinghata hlief b’talba ta’ zewg persuni mizzewga flimkien jew ta’ wahda minnhom kontra l-ohra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> > *“(a) “fid-data li jibdew il-proceduri ta’ divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba’ snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*
> >
> > *“(b) “ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u*
> >
> > *“(c) “il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkostanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-artikolu 57:*
>
> *“Izda l-mizzewgin jistghu f’kull zmien jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom ta’ manteniment:*

*"Izda wkoll ghall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-mizzewgin f'kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi meqjus bhala manteniment adegwat:*

*"Izda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni mizzewgin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jgib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, hlief ghall-effetti tad-divorzju li johorgu mil-ligi."*

**"Artikolu 66D (5) tal-Kodici Civili**:-

*""(5) Minkejja d-dispozizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu u biss fejn il-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata tkun waqfet, il-partijiet ikollhom dritt li f'kull kaz, bi qbil bejniethom, jghaddu ghad-divorzju minghajr ma jillikwidaw l-assi komuni ta' bejniethom."*

"Ikkonsidrat;

**"Konsiderazzjonijiet**.

"L-Artikolu 66D (5) tal-Kap.16 appena citat huwa car. F'kazijiet fejn talba ghal divorzju ma tkunx preceduta minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jew minn sentenza ta' separazzjoni personali li tittermina u tillikwida l-assi tal-komunjoni, l-Qorti tista' biss titratta u tiddeciedi talba ghal divorzju;

"1) Jekk it-talba ssir miz-zewg konjugi flimkien,

"u

"2) Jekk il-komunjoni tal-akkwisti tkun gia' waqfet.

"Fil-kaz odjern huwa pacifiku li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghadha ma gietx terminata u li t-talba ghad-divorzju ma hiex qed issir miz-zewg konjugi flimkien.

"Fic-cirkostanzi l-kawza odjerna ma tistax tipprosegwi peress li jehtieg li t-talba ghad-divorzju titressaq flimkien ma' talba ghat-terminazzjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Huwa evidenti illi l-iskop tal-Legislatur kien li f'kawza ta' divorzju mhux preceduta minn separazzjoni konsenswali jew sentenza ta' separazzjoni personali, japplikaw id-disposizzjonijiet li jipprovdu numru ta' kawteli lill-konjugi f'litigju matrimonjali.

"Il-Qorti ghalhekk hija prekluza milli titratta talba ghal divorzju mhux precedut minn separazzjoni legali jekk il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ghadha fis-sehh u t-talba ma ssirx miz-zewg konjugi flimkien.

"Ostakolu iehor ghall-prosegwiment tal-kawza huwa l-fatt illi l-attur naqas milli jottempera ruhu mad-disposizzjonijiet tal-Ligi Sussidjara 12.20 li tistipula illi sabiex konjugi jipprocedi b'kawza ta' divorzju mhux

> precedut minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jew sentenza ta' separazzjoni jehtieg li jintavola rikors ghall-medjazzjoni u jipprocedi biss jekk jigi hekk awtorizzat mill-Qorti."[1]

**L-Appell**

5. L-attur ipprezenta l-appell tieghu b'rikors datat 18 ta' Frar 2015 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilqa' t-talba tieghu billi tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

6. L-aggravji tal-attur jikkonsistu fil-qosor fis-segwenti:- [i] li l-Artikolu 66D[5] tal-Kodici Civili citat mill-ewwel Qorti ma japplikax f'dan il-kaz ghaliex l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet jinsabu diga` likwidati; [ii] li, filwaqt illi ghal dan il-kaz ghandu japplika l-Artikolu 66B, it-tliet kriterji rikjesti minn dan l-Artikolu ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg huma sodisfatti; u, [iii] billi l-konvenuta qatt ma talbet manteniment minghand l-attur, ma tistax illum tostakola talba ghad-divorzju fuq il-pretest li m'huwiex qed ihallas manteniment ghal binhom, u f'kull kaz, il-konvenuta kellha mezzi bizzejjed in segwitu ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti biex trabbi lil binhom wahedha.

7. Ghal dan l-appell, il-konvenuta pprezentat risposta fit-22 ta' Ottubru 2015 fejn, ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta, hija sostniet

[1] Regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 12.20

li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk, l-appell tal-attur ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**L-Aggravji**

*L-Ewwel Aggravju*

8. L-attur jikkontendi illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B biex tiddetermina t-talba tal-attur f'dan il-kaz ghaliex kellu jirrizulta illi l-assi tal-komunjoni kienu diga` gew likwidati u ilhom hekk likwidati ghal zmien twil. Skont l-attur, martu hadet dak kollu li kellha dritt li tiehu miz-zwieg meta nbieghet id-dar matrimonjali u hadet ir-rikavat kollu hi. Jghid ukoll illi martu hadet iktar minn dak li kien dovut lilha mill-komunjoni tal-akkwisti, tant li lanqas hasset il-bzonn li tfittex ghall-hlas tal-manteniment ghaliha jew ghall-erbat itfal tal-partijiet.

9. Il-konvenuta wiegbet illi l-ewwel Qorti kellha ragun sew fl-interpretazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B[5] sewwasew fl-applikazzjoni taghhom fil-kaz odjern, u ziedet tghid illi, ghalkemm il-ligi tipprospetta t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti minghajr il-likwidazzjoni konkorrenti tal-assi, hija inkoncepibbli l-ipotesi ta' likwidazzjoni tal-komunjoni minghajr din ma tkun diga` terminata.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili li jsibu riskontru f'dan il-kaz huma s-segwenti:-

> "66A. [1] Kull wiehed u wahda mill-mizzewgin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-hall taz-zwieg skont kif inhu mahsub f'dan is-Sub-Titolu. <u>Ma jkunx mehtieg illi qabel ma jigi mitlub id-divorzju, il-mizzewgin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza</u>.
>
> "66B. Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jinghata hlief b'talba ta' zewg persuni mizzewga flimkien jew ta' <u>wahda minnhom kontra l-ohra</u>, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:
>
> > "[a] fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
> >
> > "[b] ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u
> >
> > "[c] il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkostanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-artikolu 57:
>
> "Izda l-mizzewgin jistghu f'kull zmien jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom ta' manteniment:…."
>
> "66D. [5] Minkejja d-dispozizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu u <u>biss</u> fejn il-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata <u>tkun waqfet</u>, il-partijiet ikollhom dritt li f'kull kaz, <u>bi qbil bejniethom</u>, jghaddu ghad-divorzju minghajr ma jillikwidaw l-assi komuni ta' bejniethom.
> "66G. [2] Ir-rikors li permezz tieghu jinbdew il-proceduri ta' divorzju ghandu:

"[a] fejn il-mizzewwgin ma jkunux separati b' kuntratt jew b' sentenza ta' qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-htigiet tas-subartikolu [1][2]; …
"…

"Izda meta l-avukat li jkun qed jassisti lill-klijent fil-kaz ta' divorzju ma jkunx ipprezenta n-nota imsemmija, il-kopja tas-sentenza ta' separazzjoni jew tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, kif ikun il-kaz, l-avukat ghandu jipprezenta dawn id-dokumenti fil-qorti sa jew fl-ewwel smigh tal-kawza: …

"…

"66I. [1] Fejn issir talba ghad-divorzju lill-qorti civili kompetenti minn wiehed jew l-ohra mill-mizzewgin, jew miz-zewg mizzewgin li jkunu qablu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul, u fejn l-mizzewgin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, qabel ma l-qorti taghti l-awtorizzazzjoni biex il-mizzewgin jipprocedu ghad-divorzju, il-qorti ghandha ssejjah lill-partijiet sabiex jidhru quddiem medjatur li jkun jew mahtur minnha jew bil-kunsens taz-zewg partijiet u dan bil-ghan li jsir tentattiv ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin, u fejn dik ir-rikonciljazzjoni ma ssehhx, u fejn dawn ma jkunux digà qablu bejniethom dwar il-pattijiet tad-divorzju, bil-ghan li jghin lill-partijiet biex jaslu ghad-divorzju fuq bazi ta' qbil. Dan il-qbil ghandu jkun dwar xi whud, jew il-pattijiet kollha, minn dawn li gejjin:

"…

"[c] il-manteniment tal-mizzewgin, jew ta' parti wahda minnhom, u ta' kull wild; [d] ir-residenza fid-dar konjugali; [e] id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata."

[sottolinejar ta' din il-Qorti]

11. Ir-Regolament numru 4 tal-Avviz Legali 397/2003 [S.L. 12.20], li wkoll huwa relevanti in materja, jipprovdi illi:-

"4.[1] Meta konjugi tkun trid tipprocedi biex tibda kawza ghas-separazzjoni personali jew divorzju kontra l-konjugi l-iehor jew l-ohra, dik il-parti ghandha l-ewwel titlob l-awtorita` li tipprocedi mill-Qorti Civili [Divizjoni tal-Familja] … billi tipprezenta ittra, fil-kaz ta' separazzjoni

[2] Principalment dan is-sub inciz jistipula l-obbligu tal-avukat li jkun qed jippatroncija r-rikorrent li jiddiskuti mieghu il-possibilita' ta' rikonciljazjoni u jinforma lill-istess bid-dettalji ta' persuni kwalifikati li jistghu jghinu fil-process ta' rikonciljazzjoni u jassigura li r-rikorrent ikun jaf bil-fakolta' ta' separazzjoni personali bhala alternattiva ghad-divorzju.

> personali, jew billi tipprezenta rikors, fil-kaz ta' divorzju, kif ikun il-kaz, ghal dan il-ghan fir-registru tal-Qorti indirizzata lir-Registratur fejn fiha jigi indikat kemm l-isem u l-indirizz ta' min ikun qed jipprezenta l-ittra kif ukoll dawk tal-parti l-ohra u jitolbu lill-Qorti tawtorizza lilha jew lilu biex jipprocedu. Dik l-ittra ghandha tkun iffirmata u pprezentata mill-parti personalment jew minn avukat jew prokuratur legali f'isem dik il-parti."

12. Qabel xejn jigi osservat illi, ghalkemm il-konvenuta ma kkontestatx it-talba tal-attur formalment, hija baqghet ma aderietx ruhha mat-talba ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg. Jidher li hemm qbil li l-partijiet m'humiex separati legalment u, apparti li dan gie dikjarat mill-attur innifsu fir-rikors promotur, ma gie esebit in atti ebda kuntratt ta' separazzjoni personali jew sentenza tal-Qorti li tippronunzja separazzjoni bejn il-partijiet. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak sostnut mill-attur fir-rikors tal-appell tieghu, id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili in materja ta' talba ghal divorzju bejn partijiet li ma jkunux separati b'kuntratt jew sentenza, ilkoll huma applikabbli f'dan il-kaz, inkluz ghalhekk l-Artikolu 66D[5].

13. Jinghad ukoll illi mid-dicitura stess tas-subartikolu [5] tal-Artikolu 66D huwa evidenti li, f'dan il-kaz fejn il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ma jirrizultax li giet terminata, la b'sentenza li ordnat il-waqfien tal-komunjoni u lanqas permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, din il-Qorti tqis illi l-pozizzjoni legali hija inekwivoka fis-sens illi l-partijiet ma jistghux jghaddu ghad-divorzju minghajr ma jitterminaw u jillikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom.

14. Din il-Qorti tosserva illi b'applikazzjoni tas-subartikolu [5] fuq citat, huwa biss f'kaz fejn il-komunjoni tal-akkwisti tkun giet diga` precedentement terminata li l-partijiet jistghu jghaddu ghad-divorzju minghajr ma jaqsmu bejniethom l-attiv u l-passiv formanti l-assi tal-komunjoni. Madanakollu, m'huwiex mehtieg li, biex il-partijiet jistghu jghaddu ghad-divorzju minghajr ma jillikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti, ikun hemm ukoll is-separazzjoni personali, ghaliex dan is-subartikolu kjarament isib riskontru anke f'kaz ta' waqfien kuntrattwali jew gudizzjarju tal-komunjoni tal-akkwisti wahedha[3] minghajr ukoll is-separazzjoni personali.

15. Din il-Qorti taqbel mal-konvenuta fejn, fir-risposta taghha, sostniet illi mhijex koncepibbli l-ipotesi ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti minghajr din ma tkun giet precedentement terminata, u billi f' dan il-kaz huwa manifest li l-komunjoni tal-akkwisti ghadha ezistenti bejn il-kontendenti, huwa zbaljat l-attur meta jsostni li ghad ma fadalx assi x'jigu likwidati. Din il-Qorti tqis illi anke r-rikavat li l-attur jghid li l-konvenuta hadet mill-bejgh tad-dar matrimonjali jidhol fil-komunjoni tal-akkwisti, galadarba din ma kinitx ghadha giet dikjarata terminata.

16. L-ewwel Qorti kkonkludiet illi biex tigi milqugha t-talba ghal divorzju maghmula f'kaz fejn ma hemmx diga` kuntratt jew sentenza ta'

[3] Skont per ezempju, l-Artikolu 55 u 1332 tal-Kap. 16.

separazzjoni personali li tittermina u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti, [i] it-talba trid issir "konguntivament" u [ii] il-komunjoni trid tkun diga` waqfet. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li l-imsemmi subartikolu [5] jikkoncedi dritt lill-parti li jrid jikseb il-hall taz-zwieg tieghu, f'kazijiet fejn tkun diga` waqfet il-komunjoni tal-akkwisti, illi jghaddi ghad-divorzju minghajr ma jitlob ukoll li tigi likwidata l-komunjoni, basta jkun hemm "qbil" mal-parti l-ohra. Altrimenti, jekk m'hemmx il-qbil tan-naha l-ohra, il-parti li jrid jinhall miz-zwieg tieghu jkun tenut ukoll li jitlob, mhux biss li jittermina izda wkoll jillikwida l-istess komunjoni. Il-Ligi ma tesigix talba kongunta, kif qalet l-ewwel Qorti, izda huwa sufficjenti li jkun hemm semplici qbil li l-komunjoni tista' tigi terminata minghajr ma tigi likwidata.

17. Madanakollu, ghalkemm din il-Qorti ma taqbilx illi l-ewwel Qorti kellha tichad it-talba tal-attur, ghaliex filwaqt li z-zwieg tal-partijiet li ghadu regolat bir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti, ir-rikors ma sarx konguntivament, hija tal-fehma illi f'dan il-kaz ir-rikors tal-attur xorta wahda ma setax jigi milqugh. Din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern it-talba tal-attur kontra martu ghall-hall taz-zwieg, kellha tigi akkumpanjata wkoll [izda mhux biss] minn talba ghat-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Ghalkemm huwa risaput illi l-komunjoni tal-akkwisti tigi terminata mas-sentenza tal-Qorti li tippronunzja l-hall taz-zwieg a tenur tal-Artikolu 1319 tal-Kodici Civili, din il-Qorti tqis li dan il-fattur ma jistax ikun ta' ghajnuna ghal-attur ghaliex

f'kull kaz, il-konvenuta ma qablitx li l-komunjoni tigi terminata minghajr ukoll tigi likwidata. Kieku l-konvenuta fil-kors tal-proceduri wriet l-aderenza taghha fir-rigward, allura din il-Qorti taqbel li l-procedura maghzula mill-atturi bir-rikors tieghu kif imfassal, kienet tkun sanata u ma kienx ikun hemm dan ix-xkiel ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg fic-cirkostanzi.

18. Fil-qafas tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, jassumi relevanza wkoll ir-rekwizit tal-procedura tal-medjazzjoni skont l-Artikolu 66I[1] u r-regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjara 12.20, f'kazijiet fejn il-mizzewgin iridu jipprocedu ghal divorzju meta ma jkunux ghadhom separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti. L-iskop tal-medjazzjoni f'dan il-kaz jinsab fl-assistenza li taghti lill-partijiet li jkunu ghadhom mhux separati *de iure* biex jilhqu qbil dwar l-aspetti relevanti ghall-hall taz-zwieg fosthom "*id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata*"[4]. In propositu huwa appuntu biex jilqa' ghal dawk il-kazijiet fejn dan il-qbil ma jintlahaqx bis-sahha tal-medjazzjoni, illi l-legislatur jesigi li fejn il-komunjoni tal-akkwisti ma tkunx ghadha waqfet, irid ikun hemm il-qbil tan-naha l-ohra biex il-komunjoni tista' tieqaf minghajr ma tigi wkoll likwidata. Inkella din trid tigi wkoll likwidata.

---

[4] Artikolu 66I[1][e]

19. Mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, din il-Qorti tqis illi, ghalkemm ghal ragunijiet ftit differenti minn dawk indikati fis-sentenza appellata, it-talba tal-attur ma tistax tirnexxi stante li ma saret ebda talba ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u ma kienx hemm il-qbil tal-konvenuta li ma ssirx din il-likwidazzjoni.

20. Ghall-bqija, din il-Qorti tqis li kienet korretta l-ewwel Qorti meta osservat illi, in-nuqqas tal-attur li jsegwi l-proceduri ta' medjazzjoni skont id-dispozizzjonijiet fuq imsemmija, kien ostakolu iehor ghall-akkoljiment tat-talba tieghu, ghalkemm hawnhekk ghandha ragun l-konvenuta tghid li ma sar ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell[5].

21. Fl-ahharnett u ghall-kompletenza jigi osservat li, ghalkemm fis-sentenza appellata ntqal li kienu nbdew proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet li jgibu n-numru 1087/14, u li dawn il-proceduri ghadhom pendenti, ma ngiebet ebda prova din il-medjazzjoni inghalqitx u x'kien l-ezitu taghhom.

22. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud. Fid-dawl ta' dan, ladarba t-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors promotur ma setghetx tigi milqugha, mhux il-kaz li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ulterjuri taz-zewg aggravji l-ohra.

---

[5] In propositu, din il-Qorti zzid ukoll illi dan il-process ta' medjazzjoni kien indikat ukoll f'dan il-kaz ghaliex jidher li kien hemm divergenza bejn il-partjiet dwar ir-rekwizit tal-manteniment.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-attur billi tichdu.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li l-ispejjez ta' dan l-appell ibatihom kollha l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld